31999R1726

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1726/1999

tas-7 ta' Lulju 1999

li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 dwar l-istatistika strutturali tad-dħul u ta' l-ispejjeż ta' l-impjieg fir-rigward tad-definizzjoni u t-trasmissjoni ta' l-informazzjoni fuq l-ispejjeż ta' l-impjieg

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITÀ EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea;

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 [1] tad-9 ta' Marzu 1999 dwar l-istatistika strutturali tad-dħul u ta' l-ispejjeż ta' l-impjieg u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu,

(1) Billi, skond l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nu 530/99 huma neċessarji miżuri implementattivi dwar id-definizzjoni u l-analiżi statistika tal-informazzjoni li għanda tingħata u dwar il-format tekniku xieraq għat-trasmissjoni tar-riżultati,

(2) Billi l-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni mogħtija mill-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika li twaqqaf mid-deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom [2],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Definizzjoni u qsim ta' l-informazzjoni

Skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 530/1999, l-Istati Membri jridu jagħtu informazzjoni dwar il-varjabbli elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Għal dan il-għan, id-definizzjonijiet tal-varjabbli huma stipulati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 2

Format tekniku għat-trasmissjoni tar-riżultati

Il-format tekniku xieraq li għandu jintuża għat-trasmissjoni tar-riżultati huwa stipulat fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara li jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Lulju 1999.

Għall-Kummissjoni

Yves-Thibault DE SILGUY

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 63, tat-12.3.1999, p. 6.

[2] ĠU L 181, tat-28.6.1989, p. 47.

L-ANNESS I

LISTA TAL-VARJABBLI

Statistika strutturali ta' l-ispejjeż ta' l-impjieg

Tabella A-Informazzjoni Nazzjonali

Tabella B-Informazzjoni Nazzjonali skond id-daqs tal-intrapriża

Tabella Ċ-Informazzjoni reġjonali

	Varjabbli	A	B	Ċ
A.	*Numru totali ta' staff impjegat*			
A.1	It-total ta' impjegati (1)	X	X	X
A.11	Impjegati full-time (eskluži l-apprendisti)	X	X	X
A.12	Impjegati part-time (eskluži l-apprendisti)	X	X	X
A.121	Impjegati part-time li jikkonvertu ruħhom f'unitajiet full-time	X	X	X
A.13	Apprendisti	X	X	X
A.131	Apprendisti li jikkonvertu ruħhom f'unitajiet full-time	X	X	X
B	*Is-sigħat maħduma*			
B.1	Sigħat maħduma mill-impjegati kollha	X	X	X
B.11	sigħat maħduma mill-impjegati full-time (eskluži l-apprendisti)	X	X	X
B.12	sigħat maħduma minn impjegati part-time (eskluži l-apprendisti)	X	X	X
B.13	sigħat maħduma mill-apprendisti	X	X	X
Ċ.	*Sigħat imħallsa*			
Ċ.1	sigħat imħallsa lill-impjegati kollha (1)	X		
Ċ.11	sigħat imħallsa lill-impjegati full-time (eskluži l-apprendisti)	X		
Ċ.12	sigħat imħallsa lill-impjegati part-time (eskluži l-apprendisti)	X		
Ċ.13	sigħat imħallsa lill-apprendisti	X		
D.	*It-total tal-ispejjeż tal-impjieg*			
D.1	Kumpens lill-impjegati (1)	X	X	X
D.11	Pagi u salarji (total)	X	X	X
D.111	Pagi u salarji (eskluži l-apprendisti)	X	X	X
D.1111	Ħlas dirett u bonuses	X	X	X
D.11111	Ħlas dirett	X		
D.11112	Bonuses (2)	X		
D.111121	Bonuses imħallsa fi żminijiet stipulati (mhux obbligatorja)	X		
D.1112	Bonuses mingħajr pagamenti lil skemi ta' tifdil għall-impjegati	X	X	X
D.1113	Ħlas għall-ġranet mhux maħduma	X	X	X
D.1114	Pagi u salarji mhux bil-flus	X	X	X
D.11141	Prodotti tal-kumpanija (mhux obbligatorja)	X		
D.11142	Akkomodazzjoni għall-impjegati (3)(mhux obbligatorja)	X		
D.11143	Karozzi tal-kumpanija (mhux obbligatorja)	X		
D.11144	Oħrajn (mhux obbligatorja)	X		
D.112	Pagi u salarji tal-apprendisti	X	X	X
D.12	Il-kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem (total)	X	X	X
D.121	Il-kontribuzzjonijiet soċjali attwalment imħallsin minn min iħaddem (eskluži l-apprendisti)	X	X	X
D.1211	Kontribuzzjonijiet statutorji tas-sigurtà soċjali	X		
D.1212	Il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mħallsa minn min iħaddem kuntrattwalment, volontarjament jew skond qbil kollettiv	X		
D.122	Il-kontribuzzjonijiet soċjali diġà kkalkulati minn min iħaddem(eskluži l-apprendisti)	X	X	X
D.1221	Ħlas garantit f'każ ta' mard	X		
D.1222	Ħlas garantit f'każ ta' ġranet qosra tax-xogħol	X		

(1) Persuni impjegati minn aġenziji temporanji għandhom jiġu inklużi fl-industrija ta' l-aġenzija li timpjegahom, (NACE Rev. 1,74.50) u mhux fl-industrija ta' l-intrapriża li għaliha jahdmu attwalment.

(2) Ħlief pagamenti għal skemi tat-tfaddil ta' l-impjegati.

(3) Naqqas *allowances* ta' tneħħija.

	Varjabbli	A	B	Ċ
D.1123	Ħlasijiet lill-impjegati li jħallu l-intrapriża	X		
D.1124	Benefiċċji soċjali imputati ta' min jimpjiega (1)	X		
D.123	Kontribuzzjonijiet soċjali ta' min jimpjiega għall-apprentisti	X	X	X
D.2	Spejjeż ta' taħriġ professjonali (esklużi spejjeż għall- apprentisti)	X	X	X
D.3	Spejjeż oħrajn	X	X	X
D.4	Taxxi	X	X	X
D.5	Sussidji	X	X	X
E.	*Informazzjoni dwar unitajiet*			
E.1	Unitajiet lokali, univers	X	X	X
E.2	Unitajiet lokali, kampjun	X	X	X
F.	*Persuni impjegati b'aġenziji temporanji ta' mpjieg*			
F.1	Numru ta' persuni (mhux obbligatorju)	X		
F.2	Spejjeż ta' l-impjieg (mhux obbligatorju)	X		
F.3	Sigħat maħduma (mhux obbligatorju)	X		

(1) Servizzi ta' għajnuna, servizzi tas-saħħa fuq ix-xogħol, *grants* ta' l-istudju għal impjegati u l-familji tagħhom.

"L-istati membri jistgħu jagħmlu dispożizzjonijiet biex jiddistingwu bejn Ħaddiema manwali u Ħaddiema mhux manwali u biex jirreġistraw data iktar iddettaljata għall-varjabbli li ġejjin:

— A. Il-personal total impjegat
— D.11112 Bonuses
— D.111121 Bonuses imħallsa f' perjodu fiss
— D.1113 Ħlasijiet għal Ġranet mhux imħallsa
— D.1114 Pagi u salarji in natura
— D.11144 Pagi u salarji oħrajn in natura
— D.1211 Kontribuzzjonijiet statutorji ta' sigurtà soċjali
— D.12111 Pensjoni ta' l-irtirar. Mard, maternità, diżabilità; disimpjieg; inċidenti tax-xogħol u mard ieħor
— D.12112 *Allowances* tal-familja
— D.121113 Oħrajn
— D.1212 Kollettivament miftiehm, kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali kontrattwali u volontarji pagabbli minn min jimpjiega
— D.12121 Skemi supplimentari tal-pensjoni
— D.12122 Skemi supplimentari ta' assigurazzjoni ta' mard
— D.12123 Skemi supplimentari ta' assigurazzjoni ta' disimpjieg
— D.12124 Oħrajn
— D.1221 Remunerazzjoni garantita fil-każ ta' mard
— D.1224 Benefiċċji soċjali imputati ta' min jimpjiega
— D.2 Spejjeż ta' taħriġ professjonali imħallsa minn min jimpjiega
— D.3 Spejjeż oħrajn imħallsa minn min jimpjiega
— D.31 Spejjeż ta' reklutaġġ
— D.32 Oħrajn"

L-ANNESS II

DEFINIZZJONJIET TAL-VARJABBLI

A. IT-TOTAL TA' PERSUNI IMPJEGATI

Impjegati huma l-persuni kollha li għandom kuntratt dirett ta' impjieg ma'l-intrapriża jew il-fergħa lokali u li jirċievu ħlas, bla ma wieħed iħares lejn it-tip ta' xogħol, in-numru ta' siegħat ta' xogħol (full jew *part-time*) u d-dewmien tal-kuntratt (definit jew indefinit). L-impjegati barranin (1) huma inklużi jekk hemm qbil espliċitu li l-impjegat barrani jitħallas skond ix-xogħol magħmul: jiġifieri, l-ammont ta' xogħol li jingħata bħala parti ta' proċess ta' produzzjoni. Dan li ġej ma jridx ikun inkluż: persunal tat-tmexxija li jitħallsu b'sehem tad-dħul jew b'somma waħda, impjegati mill-familja u r-rappreżentanti fil-bejgħ.

Referenza ESA 95: 11.12 sa 11.14

A.1 *It-total ta' impjegati* (2)

A.11 *Impjegati full-time*

Dawn huma l-impjegati (mhux l-apprendisti) li jaħdmu n-numru ta' siegħat maqbula kollettivament jew is-siegħat skond il-konswetudni fl-intrapriża, anke jekk il-kuntratt hu ta' inqas minn sena.

A.12 *Impjegati part-time*

Dawn huma l-impjegati (mhux l-apprendisti) li jaħdmu inqas min-numru ta' siegħat kollettivament maqbula jew is-siegħat skond il-konswetudni fl-intrapriża, sew jekk ta' kull jum, ta' kull ġimgħa, ta' kull xahar (nofs ta' nhar, tliet kwarti tal-jum, erba' minn ħames biċċiet tal-ġurnata, eċċ.)

A.121 *Impjegati part-time* li jikkonvertu ruhhom f'unitajiet *full-time*

Din il-konverżjoni tird tittwettaq jew direttament mill-intrapriżi jew fergħat lokali li jagħmlu id-dħul jew mill-istituti nazzjonali ta' l-istatistika skond in-numru normali ta' siegħat tax-xogħol tal-impjegati *full-time* f'din l-intrapriża/fergħa lokali, bil-metodu li jaħsbu hi l-aktar xierqa.

Referenza ESA 95: 11.32 sa 11.34

A.2 *It-total ta' impjegati f'unità full-time*

Din tinkludi impjegati *full-time* flimkien ma'l-impjegati *part-time* ikkonvertiti f'units *full-time*.

A.13 *Apprendisti*

Din tkopri l-impjegati li għadhom ma jiħdux sehem b'mod sħiħ fil-process ta' produzzjoni u li jew għandhom kuntratt ta' apprendist jew qegħdin f'sitwazzjoni fejn it-taħriġ vokazzjonali jingħata aktar importanza mill-produzzjoni.

A.131 *Apprendisti part-time li kkonvertew ruhom f'unità full-time*

Din il-konverżjoni trid tittwettaq jew direttament mill-intrapriża jew fergħat lokali li jagħmlu dħul jew mill-istituti nazzjonali ta' l-istatistika (allura s-siegħat ta' taħriġ li jagħmlu jew fl-intrapriża jew fl-iskola huma eskluži), bil-metodu li jaħsbu li hu l-aktar xieraq.

Referenza ESA 95: 11.32 sa 11.34

B. IS-SIGĦAT MAĦDUMA

L-istatistika tkopri t-total tas-siegħat maħduma mill-impjegati kollha matul is-sena (3). It-total tas-siegħat maħduma mill-impjegati *full-time* (B.11), ta' l-impjegati *part-time* (B.12) u ta' l-apprendisti (B.13) huwa ddokumentat separatament.

In-numru annwali tas-siegħat maħduma huwa ddefinit kif ġej: is-siegħat maħduma fir-realtà.

NB: Is-siegħat maħduma flimkien mas-siegħat normali tax-xogħol, irrispettivament mir-rata ta' ħlas bis-siegħa li tiġi applikata (jiġifieri siegħa maħduma b'ħin doppju) jitniżżlu bħala siegħa waħda.

(1) Impjegat minn barra huwa persuna li taqbel li taħdem għal intrapriża partikolari jew li tforni kwantità ta' oġġetti jew servizzi lil intrapriża partikolari skond ftehim minn qabel jew b'kuntratt ma dik l-intrapriża, iżda li l-post tax-xogħol huwa barra mill-intrapriża (Referenza ESA 95: 11.13(g)).

(2) Persuni impjegati minn aġenziji ta' impjieg temporanju għandhom jkunu inklużi fl-industrija ta' l-aġenzija li timpjegahom (NACE Rev.1 74.50) u mhux fl-industrija ta' l-intrapriża li fiha jaħdmu

(3) Is-siegħat maħduma minn persuni impjegati minn aġenziji ta' mpjieg temporanju huma nklużi fl-industrija ta' l-aġenzija li timpjegahom (NACE Rev.1 74.50) u mhux fl-industrija ta' l-intrapriża li fiha jaħdmu.

Is-sigħat maħduma jinkludu wkoll:

(a) il-ħin mgħoddi fuq xogħlijiet bħall-preparazzjoni tax-xogħol, il-preparazzjoni, il-manutenzjoni u t-tindif tal-għodda u makkinarju tat-tindif u l-kitba tal-karti tax-xogħol u r-rapporti;

(b) il-ħin mgħoddi fil-post tax-xogħol li matulu ma jsir ebda xogħol minħabba, per eżempju, ħsara fil-makkinarju, aċċidenti jew nuqqas ta' xogħol okkażjonali iżda li jitħallas skond il-kuntratt ta' l-impjieg;

(ċ) żmien qasir ta' mistrieħ fuq ix-xogħol, il-waqfien għat-te u għall-kafé inklużi;

(d) is-sigħat maħduma mill-apprendisti.

Iżda is-sigħat maħduma ma jinkludux dawn li ġejjin:

(a) is-sigħat imħallsa iżda mhux maħduma, per eżempju l-*leave* imħallas, festi, *leave* tal-mard, eċċ.;

(b) waqfien għall-ikel;

(ċ) il-ħin mgħoddi fl-ivjaġġar bejn id-dar u l-post tax-xogħol;

(d) is-sigħat ta taħriġ ta' l-apprendisti

Referenza ESA 95: 11.26 sa 11.29

Ċ. SIGĦAT IMĦALLSA

L-istatistika tkopri t-t-total ta' sigħat maħduma mill-impjegati kollha matul is-sena (ara n-nota tal-qiegħ ([3]) f'paġna 31). It-total tas-sigħat imħallsa ta' l-impjegati *full-time* (Ċ.11), ta' l-impjegati *part-time* (Ċ.12) u ta' l-apprendisti (Ċ.13) huwa dokumentat separatament.

In-numru annwali tas-sigħat imħallsa huwa definit kif ġej:

(a) is-sigħat normali u s-sigħat bis-sahra, mħallsa matul is-sena;

(b) kull siegħa li għaliha l-impjegat tħallas b'rata mnaqqsa, anke jekk id-differenza tħallset minn pagamenti mill-fondi tas-sigurtà soċjali;

(ċ) is-sigħat mhux maħduma iżda mħallsa matul iż-żmien tar-referenza (*leave* annwali, *leave* tal-mard, festi u sigħat oħra mħallsa bħal f'kaz ta' xi eżami mediku).

Biex tinkiseb stima korretta tal-ħin maħdum kull sena, huwa rrikmandat li ma ssirx mistoqsija direttament għat-total tas-sigħat maħduma (B.1) jew għat-total tas-sigħat imħallsa (Ċ.1) iżda tistaqsa l-mistoqsijiet li ġejjin:

(a) is-sigħat imħallsa normali għal impjegat *full-time* fl-intrapriża jew fil-fergħa lokali;

(b) bejn wieħed u ieħor in-numru ta' ġranet ta' *leave* imħallas u festi fis-sena għal kull impjegat;

(ċ) bejn wieħed u ieħor in-numru ta' ġranet ta' żminijiet qosra ta' assenza mħallsa għal kull impjegat (*leave* għall-ġarr, iż-żwieġ ta' impjegat, restrizzjonijiet mill-mara, il-mewt ta' xi membru tal-familja, eċċ);

(d) it-total tas-sigħat bis-sahra matul is-sena;

(e) it-total tal-ġranet qosra ta' xogħol;

(f) it-total tal-ġranet ta' *leave* tal-mard u ta' *leave* tal-maternità;

(g) ġranet oħra ta' assenza.

D. IT-TOTAL TA' L-ISPEJJEŻ TA' L-IMPJIEG

Dawn jittieħdu li jfissru l-infiq totali li jġorr min iħaddem sabiex jimpjega ħaddiema, kunċett adottat fl-istruttura tal-Komunità li jaqbel b'mod ġenerali mad-definizzjoni internazzjonali tal-Konferenza tal-Persuni ta' l-Istatistika dwar l-Impjieg (Ġinevra, 1966). L-ispejjeż ta' l-impjieg jinkludu l-kumpens ta' l-impjegati, bil-pagi u salarji bi flus u mhux bi flus, il-kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem (D.1), l-ispejjeż tat-taħriġ vokazzjonali (D.2), infiq ieħor (D.3), taxxi dwar l-impjieg ikkunsidrati bħala spejjeż ta' l-impjieg (D.4), u tnaqqas kull sussidju riċevut (D.5). L-ispejjeż ta' persuni impjegati minn aġenziji ta' mpjieg temporanju għandhom ikunu inklużi fl-industrija ta' l-aġenzija li timpjegahom (NACE Rev.1 74.50) u mhux fl-industrija ta' l-intrapriża li għaliha attwalment jaħdmu.

D.1 *Il-Kumpens ta' l-impjegati*

Id-definizzjoni tal-kumpens ta' l-impjegati hi r-remunerazzjoni totali, bi flus jew mhux bi flus, imħallsa minn min iħaddem lill-impjegat għal xogħol li jagħmel matul iż-żmien ta' referenza. Tinqasam kif ġej:

— pagi u salarji (D.11): pagi u salarji bi flus iżda mhux l-apprendisti (D.111); pagi u salarji mhux bi flus (D.1114) u pagi u salarji ta' l-apprendisti (D.112);

— il-kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem (D.12): il-kontribuzzjonijiet soċjali mħallsa minn min iħaddem (mhux l-apprendisti) (D.121); il-kontribuzzjonijiet soċjali suppost imħallsa minn min iħaddem (mhux l-apprendisti) (D.122): il-kontribuzzjonijiet soċjail attwali mħallsa minn min iħaddem għall-apprendisti (D.123).

Referenza ESA 95: 4.02 (kodiċi D.1)

D.11 *Pagi u salarji (it-total):*

Il-pagi u s-salarji huma dokumentati fiż-żmien meta sar ix-xogħol. Iżda, *bonus*es ad hoc u pagamenti oħra mhux tas-soltu, it-13-il xahar, eċċ. huma ddokumentati meta għandhom jitħallsu.

Referenza ESA 95: 4.03 sa 4.07 u 4.12(a) (kodiċi D.11)

D.111 *Pagi u salarji (mhux l-apprendisti):*

D.1111 *Ħlas dirett u bonus*es

Jinkludi l-valuri ta' kull kontribuzzjoni soċjali, taxxi fuq id-dħul, eċċ., li jitħallsu mill-impjegat anke jekk dawn jinżammu minn min iħaddem u jitħallsu direttament lil skemi ta' sigurtà soċjali, awtoritajiet tat-taxxa, eċċ. għall-impjegat. Ħlas dirett u *bonus*es huma inklużi.

D.11111 *Ħlas dirett*

Dan ifisser ħlas fil-forma ta' pagamenti regolari bi flus imħallsa regolarment fiż-żmien tal-paga matul is-sena. Iridu jkunu ammonti grossi, qabel it-tnaqqis tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali li jitħallsu mill-impjegati:

(a) pagi u salarji bażiċi;

(b) ħlas dirett skond il-ħin maħdum, il-produzzjoni jew ix-xogħol bl-imqieta u mħallas lill-impjegati għas-sigħat maħduma;

(ċ) ħlas u pagamenti żejda għal sahra, xogħol bil-lejl, xogħol nhar ta' Ħadd u festi, u xogħol bix-shift;

(d) *bonuses* u *allowances* imħallsa regolarment fiż-żmien tal-paga, inklużi dawn li ġejjin:

— *bonuses* tal-post tax-xogħol għal storbju, riskju, xogħol diffiċli, xogħol bix-shift jew kontinwu, xogħol bil-lejl u xogħol fil-Ħdud u l-festi,

— *bonuses* għall-qadi individwali, *bonuses* għall-produzzjoni, il-livell ta' produzzjoni, responsabbiltà, l-għaqal, puntwalità, il-medda tas-servizz, kwalifikazzjonijiet u għerf speċjali.

D.11112 *Bonuses mingħajr pagamenti lil skemi ta' tifdil għall-impjegati*

Kull pagament lill-impjegati mhux imħallsa regolarment f'kull żmien tal-paga, inklużi l-*bonuses* li jitħallsu fi żmien stipulat, li ma jitħallsux regolarment f'kull żmein tal-paga, *bonus*es marbutin mal-qadi individwali jew kollettiv.

D.11121 *Bonuses imħallsa fi żminijiet stipulati*

Pagamenti mhux imħallsa regolarment f'kull żmien tal-paga u li l-ammont u l-perjodiċità tagħhom huma sitpulati minn qabel u li m'għandhomx x'jaqsmu ma' riżultati, l-attività ta' l-intrapriża jew il-qadi individwali jew kollettiv, per eżempju il-pagamenti tat-13 jew ta' l-14-il xahar, *bonuses* tal-btala, eċċ.

D.1112 *Pagamenti lil skemi ta' tifdil għall-impjegati*

Ammonti mħallsa lil skemi ta' tifdil għall-impjegati (skemi ta' tifdil tal-kumpanija, skemi tax-xiri ta' l-ishma, eċċ.). Pagamenti mħallsa għat-twaqqif ta' fond speċjali għax-xiri ta' l-ishma tal-kumpanija jew assi finanzjarji oħra għall-impjegati, anke jekk m'għandhomx aċċess mill-ewwel għal dawn l-assi, iridu jitnaqqsu bl-ammont ta' l-eżenzjoni tat-taxxa li tapplika għalihom.

It-tqassim ta'ishma, b'xejn jew il-bejgħ t'ishma bi prezzijiet imnaqqsa lill-impjegati jew lil xi fond speċjali jkun infiq sakemm l-ishma involuti jinxtraw mis-suq. L-ispiża lill-intrapriża tiġi stabbilita mid-differenza bejn il-prezz tax-xiri u l-prezz tal-bejgħ jew tat-transfer.

D.1113 *Ħlas għall-ġranet mhux maħduma*

Kumpens imħallas għall-*leave* skond il-liġi, il-kuntratt jew mogħti volontarjament u festi jew ġranet oħra mħallsa iżda mhux maħduma.

D.1114 *Pagi u salarji mhux bi flus*

Dan jirreferi għall-oġġetti u s-servizzi kollha għad-disponibbiltà ta' l-impjegati mill-intrapriża jew fergħa lokali u jinkludi prodotti tal-kumpanija, akkomodazzjoni għall-impjegati u karozzi tal-kumpanija.

Referenza ESA 95: 4.04, 4.05, 4.06 (kodiċi D.11)

D.11141 *Prodotti tal-kumpanija*

Jingħataw b'xejn għall-użu privat biss jew jinbiegħu lill-impjegati b'inqas milli jiswew lill-intrapriża. Per eżempju, ikel u xorb (l-infiq fuq canteens u *vouchers* ta' l-ikel mhumiex inklużi), faħam, gass, dawl, karburanti, sistemi tat-tisħin, żraben u ħwejjeġ (l-ilbies tax-xogħol mhux inkluż), *micro—computers*, eċċ.

Il-prezz nett lill-intrapriża għandu jiddaħħal, jiġifieri l-ispiża tal-prodotti mogħtija b'xejn jew id-differenza bejn l-ispiża u l-prezz tal-prodotti kif mibjugħin lill-impjegati. Pagamenti bħala kumpens jew benefiċċji li ma jitteħdux iridu jiddaħħlu wkoll.

D.11142 *Akkomadazzjoni għall-impjegati*

Dan jirreferi għall-infiq ta' l-intrapriża fl-għajnuna ta' l-akkomadazzjoni ta' l-impjegati, inklużi: infiq fuq akkomodazzjoni ta' l-intrapriża (infiq fuq il-manutenzjoni u l-amministrazzjoni tal-akkomadazzjoni, u t-taxxa u l-assigurazzjoni relatati ma' l-akkomodazzjoni) u s-self b'rata ta' mgħax baxxa għal-kostruzzjoni jew xiri ta' akkomodazzjoni mill-impjegati (id-differenza bejn ir-rata ta' mgħax fuq is-suq u r-rata għall-impjegati) *allowances* u sussidji mogħtija lill-impjegati għall-akkomodazzjoni, u l-installazzjoni iżda eskluża *allowances* għall-ġarr.

D.11143 *Karozzi tal-kumpanija*

Karozzi tal-kumpanija, jew l-ispiża lill-intrapriża ta' karrozzi tal-kumpanija mogħtija lill-impjegati għall-użu privat tagħhom. Għandu jinkludi l-prezz nett tal-mantentiment li jintnefaq mill-intrapriża (il-prezz annwali tal-kiri u l-pagamenti ta' l-interessi — deprezzament, sigurtà, manutenzjoni u tiswijiet u l-pparkjar). M'għandux jinkludi l-infiq kapitali għax-xiri tal-vejikoli, xi dħul mill-bejgħ tagħhom, jew dawk l-ispejjeż marbutin ma l-użu tagħhom fuq ix-xogħol.

L-istimi għandhom jinħadmu skond l-informazzjoni disponibbli fl-intrapriża, per eżempju d-dokumentazzjoni tal-grupp tal-vejikoli ta' dan it-tip, l-istima tal-prezz, bejn wieħed u ieħor, għal kull vejikolu, u l-istima tal-proporzjon attriwibbli għall-użu privat tal-vejikolu mill-impjegat.

D.11144 *Oħrajn*

Dan huwa b'mod partikolari, dak is-sehem ta' l-ispiża soċjali li tkopri benefiċċji indiretti li jitħallsu minn min iħaddem:

(a) *Canteens* u *vouchers* ta' l-ikel;

(b) faċilitajiet u servizzi kulturali, ta' l-isport u għaż-żmien ħieles;

(ċ) *kindergartens* u *nurseries* għal matul il-ġurnata;

(d) ħwienet għall-impjegati;

(e) spejjeż għat-trasport għall-vjaġġi bejn id-dar u l-post tax-xogħol tas-soltu;

(f) pagamenti għall-fondi tat-*trade unions* u l-ispejjeż tal-kumitati tax-xogħlijiet.

Dan l-infiq kollu jinkludi deprezzament, tiswijiet żgħar u manutenzjoni regolari tal-bini u installazjonijiet li jintużaw għal dan. Is-salarji u l-pagi mħallsa mill-intrapriża direttament lill-impjegati tal-canteen m'għandhomx jiddaħħlu taħt din ir-ras.

D.112 *Pagi u salarji ta' l-apprendisti*

Ara D.11.

D.12 *Il-kontribuzzjonijiet soċjal ta' min iħaddem*

Ammont daqs il-valur tal-kontribuzzjonijiet soċjali li ntefqu minn min iħaddem sabiex jiżguraw lill-impjegati tagħhom ikunu intitolati għall-vantaġġi soċjali. Il-kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem jistgħu jkunu jew attwali jew attribwiti.

Referenza ESA 95: 4.08 (kodiċi D.12)

D.121 *Il-kontribuzzjonjiet soċjali attwalment imħallsin minn min iħaddem (eskluzi l-apprendisti)*

Dan huma l-pagamenti minn min iħaddem għall-benefiċċju ta' l-impjegati tagħhom lill-assiguraturi (fondi tas-sigurtà soċjali u skemi privati). Dawn il-pagamenti jkopru l-kontribuzzjonijiet statutorji, ta' konswetudni, kontrattwali u volontarji għas-sigurtà kontra riskji jew bżonnijiet soċjali.

Il-kontribuzzjonijiet soċjali attwalment imħallsa minn min iħaddem jiġu ddokumentati fiż-żmien meta jsir ix-xogħol.

Referenza ESA 95: 4.09 (kodiċi D.121) u 4.12(b)

D.1211 *Kontribuzzjonijiet statutorji tas-sigurtà soċjali*

Il-kontribuzzjonijiet imħallsa lill-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mħallsa minn min iħaddem li huma obbligatorji skond il-liġi. Is-somom ta' dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jiġu ddokumentati netti minn kull sussidji. Jinkludu:

(a) kontribuzzjonijiet lil skemi tas-sigurtà għall-pensjoni, mard, maternità, u inkapaċità;

(b) kontribuzzjonijiet statutorji lil skemi tas-sigurtà għall-qgħad;

(ċ) kontribuzzjonijiet statutorji lil skemi tas-sigurtà għall-inċidenti u mard fuq il-post tax-xogħol;

(d) kontribuzzjonijiet statutorji lil skemi ta' *allowances* għall-familji;

(e) il-kontribuzzjonijiet statutorji kollha l-oħra mhux imsemmija xi mkien ieħor.

D.1212 *Il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mħallsa minn min iħaddem kuntrattwalment, volontarjament jew skond qbil kollettiv*

Dawn huma kollha kontribuzzjonijiet mħallsa minn min iħaddem lil skemi tas-sigurtà soċjali supplementarji għal dawk li huma skond il-liġi. Għandhom jitqiesu eżenzjonijiet tat-taxxa li jistgħu japplikaw.

Jinkludu:

(a) skemi supplementarji għall-pensjoni (pjanijiet assigurati, fondi taħt amministrazzjoni personali, żervi talkotba jew dispożizzjonijiet, u kull infiq ieħor maħsub għall-finanzjament ta' skemi supplementarji għall-pensjoni);

(b) skemi supplementarji ta' assigurazzjoni tal-mard;

(ċ) skemi supplementarji għal-assigurazzjoni tal-qgħad;

(d) skemi oħra tas-sigurtà soċjali li mhumiex ta' bil-fors li m'huma msemmija mkien.

D.122 *Il-kontribuzzjonijiet soċjali attribwiti ta' min iħaddem* [1] *(eskluż l-apprendisti)*

Il-kontribuzzjonijiet soċjali suppost attribwiti ta' min iħaddem jirrappreżentaw in-nofs l-ieħor tal-benefiċċji soċjali mhux iffinanzjati (mingħajr il-kontribuzzjonijiet soċjali eventwali ta' l-impjegati) imħallsa direttament minn min iħaddem lill-impjegati tagħhom jew dawk ta' qabel u persuni oħra eliġibbli mingħajr rabtiet ma' intrapriża ta' l-assigurazzjoni jew fond tal-pensjoni anonimu, u mingħajr it-twaqqif ta' fond speċjali jew riżerva għaliha għal dan il-għan. Il-fatt li xi benefiċċji soċjali jitħallsu direttament minn min iħaddem, u mhux permezz ta' fondi tas-sigurtà soċjali jew assiguraturi oħra, ma jaffettwalhomx in-natura tagħhom ta' benefiċċji soċjali.

Il-kontribuzzjonijiet soċjali attribwiti ta' min iħaddem li jirrappreżentaw in-nofs l-ieħor tal-benefiċċji soċjali diretti skond il-liġi għandhom jiġu ddokumentati fiż-żmien meta jsir ix-xogħol.

Il-kontribuzzjonijiet soċjali suppost ikkalkolati minn min iħaddem li jirrappreżentaw in-nofs l-ieħor tal-benefiċċji soċjali diretti volontarji għandhom jiġu ddokumentati meta jingħataw dawn il-benefiċċji.

Referenza ESA 95: 4.10 (kodiċi D.122) u 4.12(ċ)

D.1221 *Ħlas iggarantit f'każ ta' mard*

L-ammonti mħallsa direttament minn min iħaddem lill-impjegati biex jibqgħu jitħallsu f'każ ta' mard, maternità jew incident waqt ix-xogħol għal kumpens tat-telf ta' qligħ, bit-tnaqqis ta' rimborżi mħallsa minn istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

D.1222 *Ħlas iggarantit f'każ ta' ġranet qosra tax-xogħol*

L-ammonti mħallsa direttament minn min iħaddem lill-impjegati biex jibqħu jitħallsu f'każ ta' ġranet qosra tax-xogħol, bit-tnaqqis ta' rimborżi mħallsa lil min iħaddem minn istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

D.1223 *Pagamenti lill-impjegati li jitilqu mill-intrapriża*

Ammonti mħallsa fir-realtà lill-impjegati mkeċċija: ħlas għall-firda u kumpens minflok jingħataw avviż.

D.1224 *Il-benefiċċji soċjali suppost ikkalkolati minn min iħaddem lill-impjegati*

Per eżempju:

— servizzi tal-*welfare*,

— servizzi għas-saħħa fuq ix-xogħol,

— għotjiet għall-istudju lill-impjegati u lill-familji tagħhom u l-kontribuzzjonijiet soċjali attribwiti ta' min iħaddem mhux imsemmija mkien.

[1] Il-kontribuzzjonijiet soċjali suppost ikkalkolati minn min iħaddem għandhom jinkludu somma ekwivalenti għall-valur tal-pagi u s-salarji li min iħaddem ikompli jħallas temporanjament f'każ ta' mard, maternità, korriment industrijali, inkapaċità, qgħad, eċċ. ta' l-impjegati tagħhom, jekk dik is-somma tista' tinqata' mit-total.

D.123 *Il-kontribuzzjonijiet soċjali imħallsa minn min iħaddem għall-apprendisti*

Ara D.121.

D.2 *L-ispejjeż tat-taħriġ vokazzjonali mħallsa minn min iħaddem*

Dawn jinkludu: l-infiq fuq servizzi u faċilitajiet għal taħriġ vokazzjonali, id-deprezzament, tiswijiet żgħar u manutenzjoni ta' bini u installazjonijiet, l-ispejjeż ta' l-impjegati mhux inklużi; l-infiq fuq il-parteċipazzjoni f'korsijiet; il-kontijiet ta' esperti ġejjin minn barra l-intrapriża; l-infiq fuq affarjiet għall-għajnuna tat-tagħlim u għodda għat-taħriġ, ammonti mħallsa mill-intrapriża lill-għaqdiet ta' taħriġ vokazzjonali, eċċ. Sussidji marbutin mat-taħriġ vokazzjonali għandhom jitnaqqsu.

Referenza ESA 95: Il-konsum intermedjarju

D.3 *Infiq ieħor imħallas minn min iħaddem*

Dan jinkludi, b'mod partikolari:

(a) l-ispejjeż għar-reklutaġġ (dawn huma l-ammonti mħallsa lill-aġenziji tar-reklutaġġ, l-infiq fuq reklami fil-gazzetti, spejjeż ta' -ivjaġġar għan-nies imsejħin għall-intervista, *allowances* għall-installazzjoni ta' l-impjegati l-ġodda, eċċ. Dan ma jinkludix spejjeż amministrattivi (spejjeż ta' l-uffiċċju, pagi ta' l-impjegati, eċċ.);

(b) ilbies tax-xogħol mogħtija minn min iħaddem.

Referenza ESA 95: Il-konsum intermedjarju

D.4 *Taxxi mħallsa minn min iħaddem*

Dawn huma t-taxxi bbażati fuq il-kont tal-pagi u s-salarju jew fuq l-impjieg. Dawn huma taxxi meqjusa bħala spejjeż ta' l-impjieg.

Referenza ESA 95: 4.23(ċ) (kodiċi D.29)

D.5 *Sussidji li jirċievi min iħaddem*

Dawn huma s-somom kollha rċevuti fil-forma ta' sussidji ta' natura ġenerali maħsubin għall-ħlas lura tal-ispiża tal-ħlas dirett fl-intier jew parti minnu iżda mhux maħsubin li jkopru l-ispejjeż tas-sigurtà soċjali jew ta' taħriġ vokazzjonali. Ma jinkludix ħlas lura lil min iħaddem minn instituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew fondi supplementarji tas-sigurtà.

Referenza ESA 95: 4.37(a) (kodiċi D.39)

E. INFORMAZZJONI FUQ FERGĦAT

E.1 *In-numru ta' unitajiet lokali fl-univers*

E.2 *In-numru ta' unitajiet lokali fil-kampjun*

F. NIES IMPJEGATI MILL-AĠENZIJI TA' MPJIEG TEMPORANJU

Dan jirreferi għal xogħol mogħti minn intrapriżi oħra jew minn aġenziji temporanji. Ma jridx ikun hemm rabta kuntrattwali diretta bejn dawn l-impjegati u l-intrapriża li tħaddimhom.

F.1 *Numru ta' persuni*

F.2 *Spejjeż ta' l-impjegati temporanji: ammonti mħallsa minn min iħaddem lill-aġenziji temporanji*

F.3 *In-numru ta' siegħat ta' xogħol temporanju mħallsa mill-intrapriża jew unità lokali*

L-ANNESS III

IL-FORMAT TEKNIKU GĦAT-TRASMISSJONI TAR-RIŻULTATI

Għat-tliet tabelli hemm tliet *files* x'jingħataw:

— **Tabella A**: għandha tagħrif nazzjonali (rekord għal attività ekonomika)

— **Tabella B**: għandha tagħrif nazzjonali skond id-daqs tal-klassijiet (rekord għal attività ekonimika għal klassi tad-daqs X)

— **Tabella Ċ**: għandha tagħrif reġjonali. Rekord għal attività ekonomika. In-numru tar-*rekords* jiddependi min-numru ta' reġjuni fil-pajjiż (NUTS 1)

Identifikazzjoni ta' rekord

Ir-rekords huma mqassmin skond sekwenza ta' identifikazzjoni li għandha:

— is-sena ta' l-istħarriġ,

— it-tip ta' tabella,

— il-kodiċi tal-pajjiż jew tar-reġjun,

— l-attività ekonomika u

— id-daqs tal-klassi.

Bandiera

Kull rekord għandu bandiera li jikkaratterizza l-attività ekonomika skond il-kunfidenzjalità u d-disponibbiltà. Il-valuri possibbli huma:

"1" jekk l-attività ekonomika hija kunfidenzjali;

"2" jekk l-attività ekonimika mhijiex disponibbli;

"3" jekk iċ-ċellola hi moħbija fil-pubblikazzjoni nazzjonali biex jitħarsu valuri kunfidenzjali meta l-livelli miġbura jiġu ppubblikati;

"" L-ebda kumment.

Varjabbli

Il-varjabbli mitluba huma deskritti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Varjabbli neqsin għandhom jitħallew vojta.

Il-varjabbli tan-numru ta' impjegati, tal-ħinijiet tax-xogħol, tan-numru tal-*units* statistiċi huma espressi bħala numri naturali.

Il-varjabbli ta' l-infiq huma espressi bħala munita nazzjonali.

Struttura ta' rekord

	Bidu	Tul	Kumment
Identifikazzjoni			
Sena ta' l-istħarriġ	1	4	
Tip ta' tabella	5	1	A, B jew Ċ
Pajjiż jew reġjun	6	5	Ara l-kodiċi (1)
Attivita ekonomika	11	4	Ara l-kodiċi fl-Appendiċi 1
Daqs tal-klassi	15	8	Ara l-kodiċi fl-Appendiċi 2
Bandiera	23	1	"1", "2", "3", jew ""
Varjabbli			Ara l-lista fl-Anness I
Kull varjabbli għandu tul ta' 18	24	18	
	42	18	
	60	18	
…	…	…	

Nota: Il-kodiċi kollha mit-taqsima ta' l-"identifikazzjoni" l hemm għandhom jithallew f'linja. Il-valuri kollha mit-taqsima tal-"varjabbli" għandhom jithallew f'linja fin-naħa tal-lemin.

(1) Skond il-klassifikazzjoni tan-NUTS fis-seħħ fiż-żmien ta' l-istħarriġ.

L-APPENDIĊI 1

KODIĊI GĦALL-ATTIVITAJIET EKONOMIĊI (NACE REV. 1)

NACE Rev. 1	Titlu	Kodiċi
Taqsima Ċ	**Tħaffir u Qtugħ tal-ġebel**	**RC**
10	Tħaffir għall-faħam u *lignite*; estrazzjoni tal-pit	R10
11	Estrazzjoni taż-żejt mhux raffinat u gas naturali; attivitajiet ta' servizzi konnessi ma' l-estrazzjoni taż-żejt u l-gas, eskluż l-istħarriġ	R11
12	Tħaffir għall-mineral ta' l-uranju u tat-torjum	R12
13	Tħaffir għall-mineral tal-ħadid	R13
14	Taħfir u qtugħ tal-ġebel għal elementi oħra	R14
Taqsima D	**Manifattura**	**RD**
15	Manifattura ta' prodotti ta' l-ikel u x-xorb	R15
16	Manifattura ta' prodotti tat-tabakk	R16
17	Manufattura ta' tessili	R17
18	Manifattura ta' lbies; tlibbis u tiżbigħ tas-suf	R18
19	Tnixxif u tlibbis tal-ġlud; manifattura ta' bagalji, *handbags*, sarġijiet, arnessi u żraben	R19
20	Manifattura ta' injam u prodotti tal-injam u sufra, barra għamara; manifattura ta' prodotti tat-tiben u materjali tad-dafar	R20
21	Manifattura tal-massa ratba li minnha ssir il-karta, karti u prodotti tal-karti	R21
22	Publikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta' medja rrekordjata	R22
23	Manifattura tal-kokk, prodotti minn żejt raffinat u kombustibbli nukleari	R23
24	Manifattura ta' kimiċi u prodotti kimiċi	R24
25	Manifattura ta' lastku u prodotti oħra tal-plastik	R25
26	Manifattura ta' prodotti oħra minerali mhux metalliċi	R26
27	Manifattura ta' metalli bażiċi	R27
28	Manifattura ta' prodotti tal-metall fabbrikati, barra makkinarji u tagħmir	R28
29	Manifattura ta' makkinarji u tagħmir	R29
30	Manifattura ta' makkinarji ta' l-uffiċċju u kompjuters	R30
31	Manifattura ta' makkinarji elettroniċi u apparat	R31
32	Manifattura ta' tagħmir u apparat tar-radju, televiżjoni u komunikazzjoni	R32
33	Manifattura ta' strumenti medikali, ottikali u strumenti preċiżi u arloġġi	R33
34	Manifattura ta' karozzi, trejlers u semi-trejlers	R34
35	Manifattura ta' tagħmir ieħor tat-trasport	R35
36	Manifattura ta' għamara	R36
37	Reċiklaġġ	R37
Taqsima E	**Elettriċita, gas u provvista tal-ilma**	**RE**
40	Elettriku, gas, stim u provvista ta' ilma jaħraq	R40
41	Kollezzjoni, purifikazzjoni, u distribuzzjoni ta' l-ilma	R41
Taqsima F	**Kostruzzjoni**	**RF**
Taqsima G	**Negozju bl-ingrossa u negozju bl-imnut, tiswija ta'karozzi, muturi, prodotti personali u ħwejjeġ tad-dar**	**RG**
50	Bejgħ, manutenzjoni u tiswija ta karozzi u muturi, bejgħ ta' kombustibbli għall-karozzi	R50
51	Bejgħ, manutenzjoni u tiswija ta karozzi u muturi, bejgħ ta' kombustibbli għall-karozzi	R51
52	Negozju bl-imnut, barra ta' karozzi u muturi, tiswija ta' prodotti personali u ħwejjeġ tad-dar	R52
Taqsima H	**Lukandi u ristoranti**	**RH**
Taqsima I	**Trasport, ħżien, u komunikazzjoni**	**RI**
60	Trasport fuq l-art, trasport permezz ta' linji tal-katusi	R60
61	Trasport bl-ilma	R61
62	Trasport bl-arju	R62
63	Attivitajiet supplimentarji u awżiljarji għat-trasport; attivitajiet ta' aġenziji tal-ivvjaġġar	R63
64	Posta u telekomunikazzjonijiet	R64

NACE Rev. 1	Titlu	Kodiċi
Taqsima J	**Intermedjazzjoni Finanzjarja**	**RJ**
65	Intermedjazzjoni finanzjarja, ħlief fondi ta' assigurazzjoni u pensjoni	R65
66	Fondi ta' assigurazzjoni u pensjoni, ħlief sigurtà soċjali obbligatorja	R66
67	Attivitajiet awżiljari għall-intermedjazzjoni finanzjarja	R67
Taqsima K	**Attivitajiet ta' proprjetà, kiri u negozju**	**RK**
70	Attivitajiet ta' bini	R70
71	Kiri ta' makkinarju u tagħmir mingħajr operatur u ta' merkanzija personali u tal-familja	R71
72	Attivitajiet tal-kompjuter u dawk relatati	R72
73	Riċerka u żvilupp	R73
74	Attivitajiet oħrajn tan-negozju	R74
Taqsima M	**L-Edukazzjoni**	**RM**
Taqsima N	**Xogħol tas-saħħa u soċjali**	**RN**
Taqsima O	**Attivitajiet oħrajn komunitarji, soċjali u ta' servizz personali**	**RO**
90	Ir-Rimi tad-drenaġġ u l-iskart, l-iġjene u attivitajiet simili	R90
91	Attivitajiet ta' organizzazzjonijiet tas-sħubija	R91
92	Attivitajiet rikreazzjonali, kulturali u ta' sport	R92
93	Attivitajiet oħrajn ta' servizz	R93
Aggregati		
C-O	Industrija u servizzi, C-O	RC-O
C-K	Industrija u servizzi, C-K	RC-K
C+D+E+F	Industrija inkluża l-kostruzzjoni, C-F	RC-F
C+D+E	Industrija, C-E	RC-E
G+H+I	Negozju bl-ingrossa u bl-imnut, *Horeca,* trasport u komunikazzjonijiet, G-I	RG-I
J+K	Attivitajiet finanzjarji, ta' proprjetà, ta' kiri u ta' negozju, J-K	RJ-K
G-O	Servizzi, G-O	RG-O
G-K	Servizzi, G-K	RG-K

L-APPENDIĊI 2

KODIĊI GĦALL-GRUPPI TAD-DAQS

Kodiċi	Klassi tad-daqs
E1–10 (1)	Inqas minn 10 impjegati
E10–49	Bejn 10 u 49 impjegat
E50–249	Bejn 50 u 249 impjegat
E250–499	Bejn 250 u 499 impjegat
E500–999	Bejn 500 u 999 impjegat
E1 000	1 000 impjegat u fuqhom

(1) Mhux applikabbli fl-istħarriġ tas-sena 2000.